ta' għajnuna u mudelli, bla ma ninsew li kull letteratura hi mera tar-ruħ ta' poplu u l-istil tagħha hu mera tal-ħsieb tiegħu.

Fil-Kotba Mqaddsa nsibu proża u poeżija; bejn dawn it-tnejn hemm ir-Rettorika fil-kotba tal-profeti li la hi proża u lanqas poeżija. Sew il-proża kemm il-poeżija Maltija għandhom ħafna x'jirbħu mill-poeżija jew proża Lhudija kif ukoll ir-rettorika.

Nieħdu l-ewwel il-poeżija, l-ewwel li deħret, u minħabba l-ġenju tal-poplu Lhudi lanqas ma nqatgħet mill-proża Lhudija. Barra l-ispirazzjoni tbaqbaq fil-qalb tal-poeta u tixgħel f'moħħu, hemm l-istil ta' l-Ilsien, il-bini tal-vers li jagħti r-ritmu, l-imaġinativa li tagħti kulur u ħajja lill-għanja.

L-istil tal-poeżija Biblika hu marbut mal-bini tal-vers u ma' l-imaġinativa; jekk nifhmu sewwa dawn ikollna l-muftieħ għall-istil tagħna. Sew il-vers kemm l-imaġinativa huma mera tal-ħajja ta' kif kienu jaħsbu u jaslu għall-verità l-Lhud u l-ġnus l-oħra tal-Lvant tal-qedem. Dawn il-ġnus kienu għadhom ma waslux biex jintebħu bir-regoli ta' l-argumentazzjoni mibnija fuq id-definizzjoni u s-silloġiżmu; din kienet rebħa tal-għorrief Griegi. Kienu għalhekk jimxu bl-intuwizzjoni, jaraw ħaġa jew ġrajja u minnha bħalli kieku b'istint kienu jisiltu jew aħjar "iħossu" l-verità: minn hawn inħolqot il-mitoloġija pagana biex turina l-ħolqien tad-dinja u ħwejjeġ oħra li l-lum huma l-oġġett tax-xjenza. Biex il-kittieb iqanqal il-moħħ u l-qalb kellu mela jinqeda bir-ripetizzjoni u bil-ħasda ta' min ikun qed jisma' jew jaqra; kien ifittex mhux biss li jdawwal il-moħħ imma li jqanqal il-qalb b'mod li min jista' jisma' jitqanqal għall-għemil: il-kelma hi qawwa.

Dan hu s-sies tal-paralleliżmu tas-Salmi—u barra s-Salmi l-Lhud ma kellhomx poeżija oħra—il-ħaġa waħdanija li aħna ċerti minnha fil-poeżija biblika. Is-salm huwa magħmul minn għadd ta' versi kull wieħed maqsum f'żewġ bċejjeċ: il-ħsieb tal-waħda hu marbut ma' dak ta' l-oħra: jew jaqblu bejniethom u dan jissejjaħ paralleliżmu sinonimu:

Ħaqruhom l-għedewwa tagħhom
U trażżnu taħt idejhom

jew b'kuntrast, paralleliżmu antitetiku :

Xebba' l-imġewħin bil-ġid
U l-għonja telaqhom fiergħa.

jew sintetiku meta waħda tfisser iktar l-oħra :

Bħalma wiegħed lil missirijietna
għal Abraham u nislu għal dejjem.



Dan ir-ritmu maħluq minn dan il-paralleliżmu, li hu ritmu iktar tal-ħsieb milli ta' għadd ta' sillabi jew aċċenti — li ma kinux fissi fl-għanja Lhudija — jagħżel l-għanja Biblika minn kull poeżija oħra tal-lum; jagħtiha ġmiel u qawwa kollhom kemm huma tagħha. Isimgħu din is-silta mill-Għanja ta' Marija oħt Mosè wara l-qsim tal-Baħar l-Aħmar:

Lemintek, ja Mulej, tirġen il-għadu:
U bil-kotra tal-kobor tiegħek iġġarraf lil min iqum
għalik;

Terħi qillietek tiblagħhom hi bħal tibna
U b'nefħet imnifsejk tgħarrmu l-ilmijiet
Qamu bħal gods l-imġar
Għaqdu l-imwieġ f'nofs il-baħar.

Naħseb li jekk il-poeta Malti jgħarbel sewwa din is-sengħa tal-paralleliżmu jkun jista' jagħti xi ħaġa oriġinali lill-Malti. Bla ma mmoru fl-irqaqat kollha nistgħu ngħidu li fi Lsienna għandna l-elementi kollha meħtieġa li hemm fil-Lhudi: il-kelma qasira bl-aċċent fl-aħħar; sempliċità tas-sintassi, u l-bqija. Qabel il-gwerra l-Prof. Aquilina tana xi salmi Maltin maħduma fuq dawk Lhud; qablu kien hemm min ittanta xi ħaġa. Aquilina jidhirli li resaq ħafna lejhom, imma għad fadal x'wieħed jagħmel u nixtieq tassew li jerġa' jaqbad il-pinna u jsaħħaħ it-triq li fetaħ kif juru dawn il-versi.

Oħloq fija qalb oħra Mulej:
Imħassra din qalbi għax fiha għammar id-dnub.
Ara jien tlift is-sewwa tal-Kelma Tiegħek
Imma, Mulej, la ddawwarx wiċċek minni.

*(Jissokta)*

## ĠAWHAR TA' ĦSIBIJIET

...... tfisser il-ħsieb tiegħek b'saħħet il-vuċi, b'nomi u verbi, tkun qisek qed turrifletti l-opinjoni tal-moħħ f'nixxiegħa ta' ilma li toħroġ mix-xufftejn bħal ġewwa mera.

Platun. *Theaetetus*, 206.

*Jien* — dan il-ħsieb li jissejjaħ *Jien* — huwa l-*forma* li fiha d-dinja tintefa' bħal xema' maħlul.

Emerson, — *Thranscendentalist*, 1842.